# Biss Ftit Jiem Wara

Patrick Sammut

Għaddew biss ftit jiem,
ftit wisq tassew,
u tiegħek armejna l-ħwejjeġ
li għal snin twal
saħħnuk u żejnuk
u l-mediċini li għal żmien twil
saħħuk u dewwewk...
Issa fadal biss
mitraħ għeri jiċċassa lejja
kxaxen battala
u r-riħa ta' ħwejġek indaf
li diffiċli tħassarha
bħalma diffiċli ż-żmien iħassar
il-preżenza tiegħek
hawnhekk fis-satra ta' qalbi
preżenza li għandha
mid-dwiem taż-żonqor.
Jistennewni hemm it-terer
li tant kienu għal qalbek
maqfulin fil-komodina
u s-spapen u r-ritratti sepja

li min jaf kemm-il darba
rrakkontajtli.
U jien, min-naħa tiegħi,
nistenna li terġa' miegħi,
għall-inqas fil-ħolm tiegħi.